**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Kostituzzjonali Nru **65/2024 (AD)**

**NICHOLAS VELLA**

**vs**

**L-AVUKAT ĠENERALI**

**L-AVUKAT TAL-ISTAT U**

**L-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, erbgħa (4) ta' Lulju 2025**

**Il-Qorti**:

1. Dan hi sentenza dwar talba ta' Nicholas Vella sabiex jiġi dikjarat illi l-piena massima kontemplata fil-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu, u cioe dik ta' priġunerija għall-għomor, tikkostitwixxi piena sproporzjonata u għalhekk

leżiva għad-drittijiet tar-rikorrent għall-protezzjoni minn trattament inuman u degradanti kif sanċiti fl-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.

**Preliminari**

2. Permezz ta' Rikors Kostituzzjonali datat tnax (12) ta' Frar 2024, ir-rikorrent **Nicholas Vella** ippremetta:

   a. *Illi r-rikorrenti ġie nvestigat fuq pussess u traffikar ta' Cannabis u li waqt l-investigazzjoni huwa rrilaxxa stqarrija lil Pulizija dakinhar tal-arrest u cioe nhar it-28 ta' Ġunju 2016;*

   b. *Illi sussegwentement fit-29 ta' Ġunju 2016, ir-rikorrenti tressaq il-Qorti b'arrest akkużat talli:*

   *Nhar it-28 ta' Ġunju 2016 u kif ukoll fis-seba' xhur ta' qabel f'dawn il-gżejjer:-*

   a) *Biegħ jew xort'oħra traffika il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha, u dan bi ksur tal-Art 8(e) tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;*

   b) *Ipproduċa, biegħ jew xort'oħra traffika ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi dina r-raża, u dan bi ksur ta' l-Art 8(b) tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;*

   c) *Kellu fil-pussess tiegħu ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur ta' l-Art 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;*

*d) Kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' l-Art 8(d) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;*

*e) Kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Art 8(d) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*f) Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur ta' l-Art 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*g) Żamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar u munizzjoni mingħajr il-permess jew il-liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;*

*h) Ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;*

*i) Talli sar reċediv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew mħassra;*

*j) Talli kiser ordni ta' probation mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-25 ta' Jannar 2016 (Maġ Dr J Demicoli LL.D);*

*c. Illi dakinhar stess tal-preżentata, ir-rikorrenti ngħata l-ħelsien mill-arrest b'numru ta' kundizzjonijiet sabiex jaderixxi magħhom u illi wara li l-kumpilazzjoni ngħalqet, u sussegwentement inħarġet fil-konfront tar-rikorrenti, Att t'Akkuża enumerata 6/2019, fl-ismijiet* ***Repubblika ta' Malta vs Nicholas Vella****, fejn inter alia l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, permezz tal-Ewwel (1) Kap fuq il-pussess aggravat ta' raża tal-Cannabis u Cannabis Grass, fl-Att t'Akkuża talab illi:*

*"jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużat Nicholas Vella u illi **jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru** u multa ta' mhux inqas minn elfejn mija u tletin euro (€2330)* (sic) *iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf u ħames mitt euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern tal-oġġetti li servew sabiex isir id-delitt kif ukoll ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u mmobbli oħra tiegħu hekk misjub ħati skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(a)(b)(d) u (e), 13, 14, 22(1)(a), 22(2)(a)(i), (3A)(a)(b)(c)(d), 22(9), 22A, 24, 24A, 26 u 28 tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, il-Kapitolu 101 tal-liġijiet ta' Malta, u r-regola 9 tal-liġi sussidjarja 101.02, fl-artikolu 23 tal-Att dwar il-Probation, il-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u fl-artikoli 23,49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, il-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-akkużat Nicholas Vella."*

d. *Illi għalhekk ir-rikorrenti, wara li l-Avukat Ġenerali ddeċieda illi huwa għandu jiġi proċessat mill-Qorti Kriminali, **ser ikun qed jiffaċċja piena massima ta' għomor il-ħabs**, li fiha diġa' hija piena sproporzjonata u bi ksur tad-drittijiet tiegħu taħt l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem speċjalment meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, inkluż il-fatt illi l-ammont ta' droga li allegatament nstabet mill-Pulizija ġewwa l-garaxx fi Triq l-Irmiġġ, l-Imsida, kif ukoll minn fuq il-persuna tal-akkużat, kienet **raża tal-Cannabis** bil-piż totali ta' **disa' mija u sitta u disgħin punt ħamsa u sittin grammi (996.65g)** b'purita' ta' ċirka sebgħa fil-mija (7%) u s-sustanza **tetrahydrocannabinol** bil-piż totali ta' **tnejn u tletin punt ħamsa grammi (32.05g)** b'purita ta' cirka sebgħa fil-mija (7%) u dan skont il-konklużjonijiet tal-espert spiżjar xjenzat Godwin Sammut fir-rapport tiegħu;*

e. *Illi l-istess piena massima t'għomor il-ħabs applikabbli għal każ odjern hija ulterjorment aktar sproporzjonata u bi ksur tad-drittijiet tiegħu taħt l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 3 tal-*

*Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, meta wieħed jikkunsidra l-emendi legali riċenti dwar il-Cannabis;*

*Illi infatti, nhar it-18 ta' Diċembru 2021, daħal fis-seħħ l-Att Nru LXVI tal-2021, ATT sabiex iwaqqaf l-Awtorita' dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis u jemenda diversi liġijiet fir-rigward ta' ċertu attivitajiet relatati mal-kannabis, permezz ta' liema Att ġiet stabbilita l-Awtorita' msemmija sabiex tirregola l-pussess u kultivazzjoni tal-cannabis u daħlu fis-seħħ emendi f'liġijiet varji sabiex saret depenalizzazzjoni tas-sustanza tal-cannabis u sabiex din ma tibqax titqies waħda illeċita;*

*Illi fost l-emendi li daħlu fis-seħħ fil-liġijiet ta' Malta permezz tal-ATT nru LXVI tal-2021, daħlu fis-seħħ:*

i. ***Emendi għall-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta** li ppermettew lil persuna li ġie kkundannat għal reat li jkun sussegwentement ġie dekriminalizzat jew depenalizzat sabiex tagħmel talba bil-miktub u effettivament isir dereġistrazzjoni tal-kundanna minn fuq il-kondotta tal-persuni;*

ii. ***Emendi għall-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi** fejn sar tibdil fid-definizzjoni tal-kelma "Cannabis";*

iii. ***Emendi għall-Att dwar il-Kummissarju għall-Ġustizzja** fejn ġew miżjuda l-ammonti in kwantu tal-piż tad-droga Cannabis taħt il-lista ta' reati li jsiru infrazzjonijiet u jistgħu jinstemgħu minn Kummissarji għall-Ġustizzja, u cioe minn tlieta punt ħamsa grammi (3.5g) dawn żdiedu għal "aktar minn seba' grammi iżda mhux aktar minn tmienja u għoxrin gramma tad-droga kannabis";*

iv. ***Emendi għall-Att dwar id-Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija)**, li jinkludu d-dekriminalizzazzjoni ta' pussess tad-droga cannabis sa seba' grammi (7g), diversi varjazzjonijiet fil-pieni minimi għal multa (ammenda), regolamenti li jippermettu l-*

*kultivazzjoni sa erba' pjanti tad-droga cannabis, u l-pussess ta' mhux aktar minn ħamsin gramma ta' cannabis niexfa, għall-użu personali, fost emendi oħrajn;*

f. *Illi għaldaqstant filwaqt illi piena ta' għomor il-ħabs għal dawn it-tip ta' reati kienet diġa waħda sproporzjonata qabel l-emendi riċenti, wara l-emendi surreferiti, li permezz tagħhom addirittura ġie ppenalizzat il-pussess tal-Cannabis f'ċertu ammonti, il-piena massima t'għomor il-ħabsa f'dan ix-xenarju l-ġdid hija ferm aktar sproporzjonata u bi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, fejn il-leġislatur naqas milli jintervjeni u japplika l-prinċipju tal-proporzjonalita' fejn jikkonċerna l-piena massima;*

g. *Illi minkejja illi dwar il-piena minima japplika l-artikolu 22(2B) tal-Kap 101 jistabbilixxi l-Qorti Kriminali, wara li tkun ikkunsidrat iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inkluż l-ammont u n-natura tad-droga involuta, il-karattru tal-persuna kkonċernata, in-numru u n-natura ta' kwalunkwe kundanna preċedenti, inkluż kundanni li għalihom saret ordni taħt l-Att dwar il-Probation u d-disposizzjonijiet tar-Raba' Skeda, il-Qorti tkun tal-opinjoni li l-piena prevvista fis-subartikolu (2)(a) hija sproporzjonata, tista', billi tagħti raġunijiet, tapplika l-piena prevvista fis-subartikolu (2)(b), li jistabbilixxi xorta jinkisru d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent jekk kemm il-darba l-verdett tal-ġurati jkun wieħed unanimu u allura ikollha tiġi mposta l-piena massima ta' għomor il-ħabs u għaldaqstant l-intervent leġislativ dwar il-piena minima mhuwiex biż-żejjed sabiex tiġi indirizzata l-isproporzjonalita' tal-piena massima;*

h. *Illi r-rikorrenti jqis illi dawn iċ-ċirkostanzi waslu u sejrin iwasslu għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif sanċiti fl-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u dan peress illi l-piena prevista f'dan l-artikolu tmur oltre "the inevitable element of suffering or humiliation connected with a given form of legitimate punishment" (Soering vs United Kingdom Court (Plenary) ECHR 07.07.1989);*

i. *Illi f’dan il-kuntest ukoll issir referenza għall-EU Charter of Fundamental Human Rights partikolarment l-artikolu 49(3) li jistipula:*

*‘... the severity of penalties must not be disproportionate to the criminal offense.’*

j. *Illi l-Qorti Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem kellha diversi okkażjonijiet li tippronunzja ruħha fis-sens illi piena sproporzjonata tista’ tqajjem lanjanza taħt l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea;*

k. *Illi fis-sentenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Vinter and Others v. United Kingdom, il-Qorti kkunsidrat illi:*

*‘... a manifestly disproportionate penalty could mean inhuman treatment and be contrary to the prohibition laid down in Article 3 of the Convention.’*

*... ... ...*

*‘... a grossly disproportionate sentence could amount to ill-treatment contrary to Article 3 at the moment of its imposition’.*

*... ... ...*

*‘... the imposition of an irreducible life sentence on an adult may raise an issue under article 3 of the Convention.’*

l. *L-istess fis-sentenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Tyrer v. United Kingdom intqal:*

*‘... a person might be humiliated not simply by his conviction but by the execution of the punishment imposed on him’.*

m. *Illi fis-sentenza tal-Qorti Ewropea għad-drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet* **Case of Myumyun v. Bulgaria** *intqal hekk:*

*However, under Article 19 of the Convention and the principle that the Convention is intended to guarantee rights that are not theoretical or illusory but practical and effective, the Court has to ensure that a State's obligation to protect the right of those under its jurisdiction not to be subjected to treatment contrary to Article 3 is adequately discharged, and that national authorities do not allow such treatment to go unpunished. This is essential for maintaining the public's confidence in, and support for, the rule of law and for preventing any appearance of tolerance of or collusion in unlawful acts. It follows that, while granting substantial deference to the national authorities and courts in the choice of appropriate sanctions for ill-treratment, the Court must exercise a cerrtain power of review and intervene in cases of manifest disproportion between the gravity of the act and the punishment imposed (see Gäfgen, cited above, § 123; Kopylov v. Russia, no 3933/04, § 140, 29 July 2010; and Cestaro, cited above, §§ 205-07).*

n. *Illi in oltre fis-sentenza* **Case of Soering v. The United Kingdom** *intqal hekk:*

*104. That does not mean however that circumstances relating to a death sentence can never give rise to an issue under Article 3 (art. 3). The manner in which it is imposed or executed, the personal circumstances of the condemned person and a disproportionality to the gravity of the crime committed, as well as the conditions of detention awaiting execution, are examples of factors capable of bringing the treatment or punishment received by the condemned person within the proscription under Article 3 (art. 3). Present-day attitudes in the Contracting States to capital punishment are relevant for the assessment whether the acceptable threshold of suffering or degradation has been exceeded.*

o. *Illi hekk ukoll* ***Case of Babar Ahmad and Others v. The United Kingdom*** *intqal hekk:*

*235. The Court takes note of the parties' submissions as to whether the applicants' likely sentences are irreducible within the meaning of that term used in Kafkaris. However, given the views expressed by the House of Lords in Wellington and the Court of Appeal in Bieber in respect of Kafkaris (summarised at paragraphs 64–72 and 144 above), the Court considers it necessary to consider first whether, in the context of removal to another State, a grossly disproportionate sentence would violate Article 3 and second, at what point in the course of a life or other very long sentence an Article 3 issue might arise.*

3. Għaldaqstant ir-rikorrent, għar-raġunijiet premessi, talab lil din il-Qorti sabiex:

   i. *Tiddikjara illi minħabba illi fil-proċeduri kriminali fil-konfronti tiegħu, il-piena massima kontemplata, hija dik ta' priġunerija għall-għomor, tikkostitwixxi piena sproporzjonata u konsegwentement hija leżiva tad-dritt ta' l-esponenti għal protezzjoni minn trattament inuman u degradanti kif sanċiti kemm fl-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll l-Artikolu 3 korrispettiv, tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;*

   ii. *Tagħti dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa għat-twettiq ta' dawn id-drittijiet fundamentali fuq imsemmija, flimkien ma' kull provvediment, ordni jew direttiva neċessarja li jidhrilha li huma xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.*

4. B'digriet mogħti nhar is-sittax (16) ta' Frar 2024, din il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors kostituzzjonali lill-intimati, illi ngħataw għoxrin (20) jum żmien min-notifika għar-risposta. Il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għall-Ħamis, wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu 2024;

5. Permezz ta' risposta konġunta datata sebgħa (7) ta' Marzu 2024, l-**Avukat Ġenerali, l-Avukat tal-Istat u l-Kummissarju tal-Pulizija** eċċepew:

   a. *Illi preliminarjament, il-Kummissarju tal-Pulizija ma huwiex il-leġittimu kuntradittur sabiex iwieġeb għall-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha tar-rikorrent;*

   b. *Illi preliminarjament, in kwantu r-rikorrent qiegħed jilmenta dwar il-liġi u cioe dwar il-piena ta' priġunerija ta' għomor, l-Avukat Ġenerali teċepixxi li ma hijiex il-leġittima kontradittriċi;*

   c. *Illi preliminarjament, in kwantu r-rikorrent jippremetti li l-Avukat Ġenerali ddeċieda li għandu jiġi proċessat mill-Qorti Kriminali, l-Avukat tal-Istat iwieġeb li ma huwiex il-leġittimu kontradittur;*

   d. *Illi bla ħsara għas-suespost u wkoll preliminarjament, jekk jirriżulta li r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji ordinarju, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita l-poteri kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha kif jikkontempla l-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

   e. *Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi eċċepit illi l-azzjoni odjerna in kwantu fejn ir-rikorrent qiegħed jallega li l-piena massima kontemplata u cioe l-għomor priġunerija tammonta għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif sanċiti fl-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem hija waħda intempestiva u dan fost oħrajn għas-segwenti raġunijiet:*

      a. *Il-proċeduri fil-konfront tar-rikorrent għadhom pendenti u għadu ma nstabx ħati. Għalhekk, ċertament, f'dan l-istadju wieħed ma jistax jitkellem dwar piena meta lanqas biss għadha ġiet stabbilita ħtija;*

b. *Anki f'każ li r-rikorrent eventwalment jinstab ħati mill-Qorti Kriminali, dan ma jfissirx li ser jeħel piena ta' għomor priġunerija, konsiderando l-ammont innifsu ta' droga mertu dawn il-proċeduri:*

   i. *Ai termini tal-Artikolu 22(2)(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, skont iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-Qorti Kriminali tista' timponi l-piena indikata fl-imsemmi artikolu li hija inqas minn għomor il-ħabs; u*
   ii. *Ai termini tal-Artikolu 22(2B) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, skont iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-Qorti Kriminali tista' tapplika l-piena li skont il-liġi normalment tapplika l-Qorti tal-Maġistrati.*

*Konsegwentement, l-ilment imqanqal mir-rikorrent jista' jiġi eżaminat biss fi stadju fejn ir-rikorrent ikun insab ħati tar-reati li bihom huwa preżentement jinsab akkużat li wettaq u fl-eventwalita' li jiġi kkundannat piena ta' priġunerija ta' għomor il-ħabs;*

f. *Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrent jeħtieġ illi jipprova l-interess ġuridiku tiegħu u li l-elementi kollha tal-interess ġuridiku attwalment jissussistu;*

g. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet, il-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda;*

h. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi rilevat illi r-rikorrent fil-kawża odjerna qiegħed jattakka l-liġi innifisha, u cioe l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. L-esponenti umilment jissottomettu illi liġi per se ma tista qatt tiġi meqjusa bħala piena jew trattament inuman jew degredanti taħt l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u taħt l-Artitkolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u dan stante li m'hemm l-ebda azzjoni jew ommissjoni ta' uffiċjal pubbliku fit-twettieq ta' dmirijietu li tista' tiġi meqjusa bħala piena jew trattament*

*inuman jew degradanti. Għalhekk, l-azzjoni odjerna ma tista qatt tirnexxi;*

i. *Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra hawn sollevati, l-esponenti jisħqu illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-possibilta' li wieħed jeħel piena ta' għomor priġunerija fi proċeduri kriminali eventwali ma tista qatt tammonta għal piena jew trattament inuman jew degradanti taħt l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropa dwar id-Drititjiet tal-Bniedem u taħt l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni, u dan kif ser jiġi ippruvat fil-mori tal-proċeduri odjerni;*

j. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, in kwantu l-premessa dwar li l-Avukat Ġenerali ddeċidiet li r-rikorrent għandu jiġi pproċessat mill-Qorti Kriminali, l-esponenti jeċepixxu illi l-Avukat Ġenerali, meta teżerċita l-istess diskrezzjoni, bl-ebda mod ma tkun qed tagħti xi deċiżjoni fuq il-merrtu tal-akkużi jew tkun qed tiddetermina l-piena li l-akkużat għandu jeħel. L-ammont ta' droga misjuba (piż ta' blokka raża tal-Cannabis ta' 996.65 grammi u ta' ħaxix pożittivi għas-sustanza tetrahydrocannabinol fl-ammont ta' 32.05 grammi oħra), lura fl-elfejn u sittax (2016), ma huwiex ammont żgħir. Referenza ssir għal-linji gwida dwar l-użu ta' diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta fejn hemm linji gwida li għandhom jiġu kkunsidrati sabiex tiġi stabbilita l-Qorti li fiha persuna akkużata b'reat kontra l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi għandha tiġi ġġudikata, u dan fosthom il-ħsara jew il-ħsara potenzjali ikkawżata mir-reat li bih ikun ġie akkużat, il-kwantita' tad-droga u l-irwol li l-akkużat kellu fl-allegat reat. Kemm jekk il-proċeduri jitmexxew fil-Qorti Kriminali jew fil-Qorti tal-Maġistrati, il-prosekuzzjoni xorta jeħtiġilha tipprova l-ħtija tal-akkużat u fl-aħħar mill-aħħar, l-aħħar kelma dwar il-grad u l-kwantum tal-piena hija assolutament fid-diskrezzjoni tal-Qrati;*

k. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi sottomess illi anki kieku għas-saħħa tal-argument ir-rikorrenti kellu jeħel piena ta' għomor il-ħabs, hekk kif ġie deċiż f'numru ta' sentenzi tal-Qorti Ewropea dwar id-*

*Drittijiet tal-Bniedem, l-impożizzjoni ta' piena ta' għomor ħabs minnha nnifsiha m'hijiex inkomptabbli mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u dan hekk kif ser jintwera fil-mori tal-proċeduri odjerni;*

l. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, piena karċerarja tal-għomor ma twassalx għal-leżjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Kif meqjus fis-sentenza fl-ismijiet '**Salvatore Olivieri (AR 3651835) kontra l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija**' 'Sabiex trattament jitqies inuman, u allura sabiex il-piena titqies inumana, is-sofferenza mentali jew fizika li ggib maghha dik il-piena trid tkun tant severa li tinnecessita l-intervent tal-qorti. Sabiex trattament ikun degradanti, irid ta` bilfors jumilja gravement lill-persuna quddiem l-ohrajn jew iggieghlu jagixxi kontra l-volonta` jew il-kuxjenza tieghu. Fil-kaz tal-lum, l-ekwiparazzjoni tal-piena m`ghandhiex dawn il-konsegwenzi. Piena karcerarja dejjem iggib maghha konsegwenzi pero` dak ma jfissirx li l-piena hija out of proportion. Wara l-kundanna, u waqt li tkun qeghda tigi skontata l-piena, l-Istat ikun u jibqa` obbligat li jiggarantixxi d-dinjita` tal-persuna.'*

m. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, in kwantu r-rikorrent jirreferi għall-emendi li daħlu fis-seħħ permezz tal-Att LXVI tal-2021, l-esponenti umilment iwieġbu li tali referenza hija waħda irrelevanti. L-emendi li jagħmel referenza għalihom ir-rikorrent daħlu fis-seħħ snin wara li r-rikorrent allegatament ikkommetta r-reati in kwistjoni, ma humiex applikabbli għar-rikorrenti tenut kont tar-reati li huwa akkużat bihom u tali emendi bl-ebda mod ma jagħmlu l-piena massima in kwistjoni sproporzjonata.*

n. *Illi gialadarba ma hemmx ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, isegwi li t-talbiet kollha għandhom jiġu miċħuda;*

o. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fl-umli opinjoni tal-esponenti, l-azzjoni odjerna hija frivola u vessatorja u r-rikorrenti għandu jerfa' r-responsabbilita' għal dan, inkluż li jiġi żvestit mid-dritt li jappella d-deċiżjoni eventwali mogħtija fil-kawża odjerna u dan kif elenkat fl-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni;*

p. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

**Il-Qorti**

1. Reġgħet rat ir-rikors Kostituzzjonali tar-rikorrent **Nicholas Vella** datat tnax (12) ta' Frar 2024;

2. Reġgħet rat ir-risposta konġunta tal-intimati **Avukat Ġenerali, Avukat tal-Istat u l-Kummissarju tal-Pulizija**, datata sebgħa (7) ta' Marzu 2024;

3. Rat l-Att t'Akkuża maħruġa fil-konfront tar-rikorrent, esebita minnu stess permezz ta' nota u mmarkata **Dok NV1** a fol 22 *et seq* tal-proċess;

4. Rat id-dokument relatat mar-Riforma fil-Liġijiet għal Ġustizzja aktar Effettiva mal-Vittmi tad-Droga, esebit mir-rikorrent permezz ta' nota u mmarkat **Dok NV2** a fol 28 *et seq* tal-proċess;

5. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Stephania Calafato Testa**, prodotta mill-intimati waqt is-seduta tas-sebgħa (7) ta' Novembru 2024[1], u rat id-dokumenti minnha esebiti u mmarkati **Dok SCT1** a fol 60A *et seq* tal-proċess;

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati, datata tletin (30) ta' Jannar 2025, a fol 65 *et seq* tal-proċess;

[1] It-traskrizzjoni tinsab a fol 59-60 tal-proċess

7. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent, datata l-ewwel (1) t'April 2025, a fol 88 *et seq* tal-proċess;

8. Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-intimati waqt is-seduta tat-tmienja (8) t'April 2025, filwaqt illi r-rikorrent iddikjara illi ma kellux x'iżid man-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu waqt l-istess seduta;

9. Rat illi din il-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

10. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

**A. <u>Fatti tal-Każ</u>**

11. Ir-rikorrent tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Ġunju 2016, akkużat: (a) b'bejgħ jew traffikar tal-pjanta Cannabis bi ksur tal-Art 8(e) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta; (b) produzzjoni, bejgħ jew traffikar xort'oħra ta' raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi dina r-raża, bi ksur tal-Art 8(b) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta; (c) pussess ta' raża tal-Cannabis jew preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, bi ksur tal-Art 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, f'ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu; (d) pussess tal-pjanta Cannabis bi ksur tal-Art 8(d) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta f'ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu; (e) pussess tal-pjanta Cannabis bi ksur tal-Art 8(d) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta; (f) pussess ta' raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur tal-Art 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta; (g) żamm f'fond jew fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar u munizzjoni mingħajr il-permess jew liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija; (h) ġarr 'il barra minn xi fond jew dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma

kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija; (i) sar reċediv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta; u (j) talli kiser ordni ta' probation mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-25 ta' Jannar 2016[2];

12. Sussegwentement, l-Avukat Ġenerali ħareġ l-Att t'Akkuża Nru 6/2019, fl-ismijiet *Ir-Repbblika ta' Malta vs Nicholas Vella,* fejn l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, permezz tal-Ewwel (1) Kap dwar *Pussess aggravat ta' raża tal-Cannabis u Cannabis grass*[3], talab illi l-akkużat (hawnhekk rikorrent) Nicholas Vella jiġi kkundannat, *inter alia*, għal piena ta' priġunerija għal għomru;

13. Bil-kawża odjerna, ir-rikorrent qed isostni illi, ikkunsidrati l-emendi illi daħlu fis-seħħ fil-liġijiet ta' Malta permezz tal-Att Nru LXVI tal-2021, u cioe l-*Att sabiex iwaqqaf l-Awtorita' dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis u jemenda diversi liġijiet fir-rigward ta' ċertu attivitajiet relatati mal-Kannabis*, il-piena ta' għomor il-ħabs hija sproporzjonata, u bi ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti kif sanċiti mill-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea;

14. Il-Qorti osservat illi ma ġiex kontestat illi l-ammont ta' droga allegatament misjuba mill-Pulizija ġewwa garaxx użat mir-rikorrent u fuq il-persuna tiegħu kienet raża tal-Cannabis ta' piż totali ta' disa' mija u sitta u disgħin punt ħamsa u sittin grammi (996.65g) u s-sustanza tetrahydrocannabinol bil-piż totali ta' tnejn u tletin punt ħamsa grammi (32.05g);

15. Ġie osservat ukoll illi, fil-kawża fl-Att t'Akkuża Nru 6/2019 quddiem il-Qorti Kriminali, waqt li kienu pendenti l-proċeduri odjerni, ngħatat sentenza dwar l-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari nhar id-disgħa (9) t'April 2024[4], u ngħatat ukoll sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) dwar appell mis-sentenza tal-Qorti Kriminali nhar l-erbgħa (4) ta' Diċembru 2024.

---

[2] A fol 1-2 tal-proċess quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja esebit fil-proċeduri odjerni bħala **Dok SCT1**
[3] **Dok NV1** a fol 21 *et seq* tal-proċess odjern, u a fol 1 tal-proċess fl-Att t'Akkuża 6/209 fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta vs Nicholas Vella* esebit fil-proċeduri odjerni bħala **Dok SCT1**
[4] Ibid, a fol 162 *et seq* tal-proċess

**B. Leġittimi Kontraditturi**

16. Fl-ewwel tliet eċċezzjonijiet minnhom sollevati, l-intimati jeċċepixxu illi mhumiex leġittimi kontradittur fil-kawża odjerna, u dan għal raġunijiet diversi kif isegwi:

a. **Il-Kummissarju tal-Pulizija** jeċċepixxi illi mhuwiex leġittimu kontradittur stante illi ma jistax iwieġeb għall-ilment dwar il-piena li tistabbilixxi l-liġi għar-reati li r-rikorrent jinsab mixli bihom;

b. **L-Avukat Ġenerali** teċċepixxi illi mhijiex leġittima kontradittriċi stante illi mhix vestita bil-mansjoni tar-rappreżentanza residwa tal-Gvern ta' Malta f'azzjonijiet ta' natura kostituzzjonali, b'dana illi in kwantu l-ilment jirrigwarda l-liġi u l-piena ta' priġunerija t'għomor, hija għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju; u

c. **L-Avukat tal-Istat** jeċċepixxi illi in kwantu r-rikorrent qed jippremetti illi l-Avukat Ġenerali ddeċieda li r-rikorrent għandu jiġi pproċessat mill-Qorti Kriminali, huwa m'huwiex il-leġittimu kontradittur stante illi ma kellu l-ebda rwol f'dik id-deċiżjoni u l-prosekuzzjoni ma taqax fil-mansjoni tiegħu;

17. Ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Joseph Abela vs L-Onor Prim Ministru et***[5]:

> *[F]'kawżi ta' natura kostituzzjonali bbażati fuq id-drittijiet fundamentali, il-leġittimi kontraditturi ta' dawk l-azzjonijiet jinqasmu fi tliet kategoriji. L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma direttament jew indirettament, responsabbli, għall-kummissjoni jew ommissjoni, ta' xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett*

[5] Qorti Kostituzzjonali, 7 ta' Diċembru 1990 (Vol LXXIV.i.261)

*mil-liġi; Fit-tieni kategorija huma dawk li għall-ommissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuni ta' l-ewwel kategorija jistgħu jkunu responsabbli biex jagħtu jew jiffornixxu r-rimedji li s-sentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta' dritt fundamentali, tissanzjona. It-tielet kategorija mbagħad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawża, meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala' fuq jew waqt xi proċedura ġudizzjarja;*

18. Jibda biex jingħad illi jirriżulta evidenti illi l-Kummissarju tal-Pulizija ma jaqa' taħt l-ebda waħda mit-tliet kategoriji hawn fuq imsemmija, b'dana illi għalhekk l-eċċezzjoni minnu sollevata għandha tiġi akkolta, u l-istess intimat għandu jiġi **<u>liberat mill-osservanza tal-ġudizzju</u>**;

19. Mill-banda l-oħra, f'dak illi jirrigwarda l-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat, l-Artikolu 181B tal-Kap 12 jistabbilixxi illi:

    *181B. (1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:*

    *[...]*

    *(2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.*

    *[...]*

20. In oltre, imbagħad, l-Artikolu 3 tal-Ordinanza dwar l-Avukat Ġenerali (Kap 90 tal-Liġijiet ta' Malta) jgħid illi l-Avukat Ġenerali għandha s-setgħa illi, *"waħdu jew mal-Pulizija Eżekuttiva jew ma' xi awtorita' oħra li jkollha s-setgħa li tmexxi l-prosekuzzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kemm bħala*

*qorti ta' ġudikatura kriminali u kemm bħala qorti istruttorja, imexxi l-prosekuzzjoni jew jassisti fil-prosekuzzjoni ta' kull reat li dwaru persuna tkun tressqet quddiem dik il-qorti"*;

21. Bl-azzjoni odjerna, ir-rikorrent qiegħed primarjament jattakka l-piena massima kontemplata fil-liġi għar-reat illi bih qiegħed jiġi akkużat, iżda naturalment, kwalsiasi deċiżjoni illi ser tittieħed fl-azzjoni odjerna sejra neċessarjament taffettwa l-eżitu tal-proċeduri penali fil-konfront tiegħu. Filwaqt illi l-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern in kwantu qiegħda tiġi attakkata l-liġi, l-Avukat Ġenerali hija l-Uffiċċjal Prosekutur fil-proċeduri kriminali għaddejjin fil-konfront tar-rikorrent. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi l-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali it-tnejn jaqgħu fil-kategoriji msemmiji f'***Abela*** suċitata, b'dana illi t-tnejn għandhom jitqiesu bħala leġittimi kontraditturi fil-kawża odjerna;

22. Din dil-Qorti hija għalhekk tal-fehma illi t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet sollevati mill-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat rispettivament, għandhom jiġu **<u>respinti</u>**.

## C. <u>Rimedji Ordinarji u Intempestivita' tal-Proċeduri Odjerni</u>

23. Fir-raba' paragrafu tar-risposta tagħhom, l-intimati jeċċepixxu illi r-rikorrent m'eżawriex ir-rimedji ordinarji li tagħtih il-liġi, u li għalhekk din il-Qorti għandha, a tenur tal-*proviso* tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-*proviso* tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddeklina milli teżerċita l-poteri kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha;

24. Inoltre, imbagħad, fil-ħames paragrafu tar-risposta tagħhom, l-intimati jeċċepixxu illi in kwantu r-rikorrent qed jallega illi l-piena massima kontemplata tammonta għal ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu hija intempestiva, *inter alia*, stante illi (a) il-proċeduri fil-konfront tar-rikorrent għadhom pendenti u għadu ma nstabx ħati, u (b) anke jekk jinstab ħati mill-

Qorti Kriminali, ma jfissirx illi r-rikorrent ser jeħel piena ta' għomor priġunerija;

25. L-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*
>
> *Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra.*

Mill-banda l-oħra, Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1), u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*

*Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra.*

26. Referenza ssir għal dak illi ġie ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Elvia Scerri et vs Awtorita' tad-Djar et***[6], fejn intqal:

*31. Illi huwa risaput li bil-provisos għall-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni, il-Leġislatur ħalla fid-diskrezzjoni prudenti tal-Prim'Awla fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha biex, min-naħa l-waħda ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali jew taħt il-Kap 319 inutilment, iżda min-naħa l-oħra jiġi assigurat li f'każijiet li jimmeritaw li jiġu eżaminati sew taħt il-lenti Kostituzzjonali jew tal-Konvenzjoni, dawn jiġu hekk eżaminati fid-dawl tar-rimedju jew rimedji li huma jew kienu disponibbli favur il-persuna li tkun qed tallega vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħha. Indubitament, il-provisos marbutin maż-żewġ Artikoli appena msemmija ma humiex intiżi biex il-Qorti taħrab mir-responsabbilita' li tieħu konjizzjoni ta' ilmenti ta' natura kostituzzjonali, iżda mill-perspettiva l-oħra wieħed irid iqis li jekk hemm jew kien hemm rimedji ordinarji adegwati u effettivi, il-Qorti fil-ġurisdizzjoni tagħha kostituzzjonali għandha l-fakolta' tidderiġi ruħha lejn ir-rifjut tal-eżerċizzju tas-setgħat tagħha taħt l-Artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali fuq indikat, iżda dejjem meħud kont tal-gravita' tal-leżjoni lamentata, il-*

[6] Rik Nru 59/2010, Qorti Kostituzzjonali, 13 t'April 2018

*konsegwenzi għall-applikant tal-istess leżjoni u l-interess aktar ġenerali tal-pubbliku filli tiġi kjarifikata l-pożizzjoni kostituzzjonali.*

27. Il-Qorti Kostituzzjonali tagħmel imbagħad f'din is-sentenza referenza għall-insenjament tagħha f'sentenza oħra mogħtija minnha stess fl-ismijiet ***Olena Tretyak vs Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs***[7], fejn kienet elaborat kif isegwi:

*Illi dwar din l-eċċezzjoni, għandu jingħad li l-Qorti jkollha, min-natura tal-eċċezzjoni nfisha, tqisha fuq il-bażi ta' dak li jidher mill-atti prima facie. Ma jistax ikun mod ieħor, għaliex jekk il-Qorti kellha tidħol biex tqis il-provi fil-mertu, jkun ifisser li diġa' tkun qieset li hija sejra twettaq il-ġurisdizzjoni tagħha. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-Qorti f'dan l-istadju, tgħid li hija sejra twettaq is-setgħat li għandha biex tisma' l-każ ma jfissirx li b'hekk l-ilment tar-rikorrenti huwa wieħed mistħoqq jew li, minn dak li jirriżulta, ma jistax ikun li l-azzjoni tiegħu tirriżulta li kienet, wara kollox, waħda fiergħa jew maħsuba biss biex iddejjaq;*

*[...]*

*Illi l-eżistenza ta' rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala stat ta' fatt attwali u obbjettiv, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel" minħabba l-eżistenza ta' rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali stat ta' fatt. Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-*

[7] Appell Nru 22/2005, Qorti Kostituzzjonali, 16 ta' Jannar 2006

*Qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s-setgħa tagħha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha* [Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet *Zahra v. Awtorita' tal-Ippjanar* (Kollez. Vol: LXXXIII.i.179)]. *F'każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti jibqgħalha s-setgħa li tiddeċiedi li ma eċċediex l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha;*

*Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti għandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-leġislatur ried li jilħaq biha: jiġifieri, li filwaqt li ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn, min-naħa l-oħra ma jiġrix li, minħabba tħaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinżamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din meta jkun jidher li l-każ huwa wieħed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali għal dik il-persuna. Kif ingħad dan l-aħħar f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja, biex, min-naħa l-waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wiċċhom kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jitfittxu rimedji oħrajn imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta* [Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet *John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et*];

*Illi meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-*

*dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat* [Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet *Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et* (Kollez. Vol: LXXV.i.106)]. *M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi* [PA Kost **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet *Clitfon Borg vs Kummissarju tal-Pulizija* (mhux pubblikata)];

28. Finalment, imbagħad, il-Qorti Kostituzzjonali tagħmel referenza għal numru ta' prinċipji, bħal speċi *check-list* jew linjigwida, illi għandhom iwasslu lil Qorti sabiex tqis jekk huwiex minnu jew le li r-rikorrent kellu għad-disposizzjoni tiegħu rimedju alternattiv effettiv:

*Fost dawn il-prinċipji wieħed isib li (a) meta jidher ċar li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal tali mezzi qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuża l-Qorti biex tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' kawża ta' natura kostituzzjonali għandha torbot, sakemm ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta' illegalita', inġustizzja jew żball manifest fl-użu tagħha; (c) m'hemm l-ebda kriterju stabbilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull każ jeħtieġ jiġi mistħarreġ fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu; (d) in-nuqqas waħdu ta' teħid ta'*

*mezzi ordinarji mir-rikorrent m'huwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment tiegħu; (e) in-nuqqas ta' teħid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk seta' kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent – minħabba l-imġiba ta' ħaddieħor m'għandux ikun raġuni biex il-Qorti twarrab is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent* [PA (Kost) VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet *Victor Bonavia vs. L-Awtorita' tal-Ippjanar et*]; *(f) l-eżerċizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lill-Qorti tat-tieni grad is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni* [Ara Kost **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet *Vella vs Bannister et* (Kollez Vol LXXVIII.I.48) u Kost **12.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet *Visual & Sound Communications Ltd vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et*]; *u (g) meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent se jwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smigħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni ġudizzjarja tal-każ ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwistjoni kostituzzjonali* [PA Kost **29.10.1993** fil-kawża fl-ismijiet *Maria Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija* (mhux pubblikata)]*;*

29. Ir-rikorrent qed jilmenta illi, peress illi l-Avukat Ġenerali ddeċieda li għandu jiġi proċessat mill-Qorti Kriminali, huwa ser ikun qed jiffaċċja piena massima

ta' għomor il-ħabs, illi, fil-fehma tiegħu, hija piena sproporzjonata kkonsidrati ċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu;

30. Fl-ewwel lok jingħad illi, f'dawk illi huma rimedji ordinarji, l-intimati għandhom raġun in kwantu jsostnu illi r-rikorrent, ai termini tal-proċedura kontemplata mill-Artikolu 22(2A)(b) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, seta' jintavola rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Kriminali fi żmien sebat ijiem mit-tmiem tal-kumpilazzjoni illi permezz tiegħu jitlob illi huwa jiġi ġġudikat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati minflok quddiem il-Qorti Kriminali. Din hija proċedura illi r-rikorrent kellu a disposizzjoni tiegħu, iżda għal xi raġuni għażel illi ma jutilizzahiex, b'dana illi ma jistax issa jilmenta illi d-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali illi jiġi proċessat mill-Qorti Kriminali sejra potenzjalment twassal għal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Li kieku utilizza dan ir-rimedju, ir-rikorrent – anke jekk ma kellu l-ebda garanzija assoluta – mill-inqas kien ikollu l-possibilita' illi jiġi ġġudikat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, stante illi l-unika distinzjoni illi l-Artikolu 22(2) tal-Kap 101 jagħmel fir-rigward ta' reati kontra l-Kap 101 huma fil-piena, iżda muhx fin-natura tal-akkużi. Infatti, l-Artikolu 22(2) jgħid illi *"Kull persuna akkużata b'reat kontra din l-Ordinanza għandha titressaq jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) skont kif jordna l-Avukat Ġenerali"*, imbagħad ikompli billi jistabbilixxi piena fil-każ ta' sejbien ta' ħtija mill-Qorti Kriminali u piena fil-każ ta' sejbien ta' ħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. <u>Ma kien hemm xejn għalhekk x'jimpedixxi lir-rikorrent milli jużufruwixxi ruħu minn din il-proċedura sabiex jipprova jevita l-possibilta' tal-piena ta' priġunerija għall-għomor billi jitlob li jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġsitrati</u>;

31. Minkejja illi r-rikorrent m'utilizzax ir-rimedju ordinarju għad-disposizzjoni tiegħu, din il-Qorti xorta waħda ma ssibx illi għandha tindirizza l-ilmenti tar-rikorrent, u dan stante illi huwa evidenti illi l-proċeduri odjerni ġew intavolati intempestivament, għas-segwenti raġunijiet:

32. Il-Qorti rat illi r-rikorrent ma jagħmel l-ebda referenza għall-proċedura kontemplata fl-Artikolu 22(2A)(b) tal-Kap 101, la fir-rikors promotur, u

lanqas fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, iżda jagħmel referenza għall-fatt illi, fiż-żmien illi fih ħarġet l-att t'akkuża tiegħu, l-Artikolu 436(6) tal-Kap 9 kien għadu ma ġiex emendat fis-sens illi l-akkużat ikun jista' jippreżenta nota illi permezz tagħha jitlob biex ġuri ma jiġix magħżul għall-proċeduri meħuda fil-konfront tiegħu. Dan jissottomettih peress illi l-piena inflitta mill-Qorti Kriminali tista' tkun ta' inqas minn priġunerija għall-għomor, *inter alia*, *"meta l-verdett tal-ġuri ma jkunx unanimu"*, b'dana għalhekk illi l-implikazzjoni hi illi l-fatt illi l-verdett ma jingħatax minn ġurija jista' jnaqqas il-potenzjonalita' illi jingħata piena ta' priġunerija għal għomru. Ir-rikorrent jagħmel referenza għas-sentenzi mogħtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet ***Darren James Vella vs L-Avukat tal-Istat et*** (Rik Nru 117/2025 MS), ***David Tabone vs L-Avukat tal-Istat et*** (Rik Nru 116/2025 MS) u ***Rio Micallef vs L-Avukat Ġenerali et*** (Rik Nru 115/225 MS), u jgħid illi huwa jinsab f'sitwazzjoni t'ambigwita' rigward il-possibilita' li jiddeċiedi fuq ġuri bil-ġurati jew mingħajr ġurati. F'dan ir-rigward, din il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

a. L-ewwelnett, fil-kawżi ċitati, il-kwestjoni kienet dwar leżjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq, u mhux tad-dritt għal protezzjoni minn trattament inuman, b'dana għalhekk illi l-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti saru fil-kuntest ta' drittijiet fundamentali diversi minn dawk illi tagħhom qed tiġi allegata leżjoni fil-kawża odjerna;

b. It-tieni nett, u mingħajr preġudizzju għall-premess, dak illi din il-Qorti kif diversement presjeduta ħasset illi huwa inċert m'huwiex il-fatt illi jekk l-att t'akkuża jkun ħareġ qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att VII tal-2025 ma jkunx hemm dan ir-rimedju a disposizzjoni tal-akkużat, iżda l-fatt dwar jekk jeżistix o meno r-rimedju ordinarju fil-forma t'appell minn digriet f'dan is-sens (para 31 fis-sentenzi mogħtija fir-Rik nru 116/2025 MS u 117/2025 MS, u para 35 fis-sentenzi mogħtija fir-Rik nru 115/2025 MS);

c. It-tielet nett, it-tliet sentenzi illi jagħmel referenza għalihom ir-rikorrent ġew appellati, u l-Qorti Kostituzzjnali, fis-sentenza mogħtija l-ġimgħa l-

oħra stess fl-ismijiet ***David Tabone vs L-Avukat tal-Istat et***[8], qalet, *"L-emenda li saret fl-Art. 436(6) tal-Kodiċi Kriminali permezz tal-Art. 3 Att VII tal-2025, ma ħolqot l-ebda reat ġdid u wisq inqas xi żieda fil-piena. Il-principju lex mitior li għalih għamel referenza l-attur, irid jiġi applikat a bażi tal-artikoli tal-liġi li fuqha l-attur ibbaża l-ilment tiegħu u mhux in vacuo. F'dan il-każ bl-emenda ma ġie introdott l-ebda reat ġdid u lanqas xi piena iktar ħarxa. Il-fatt li l-proċess kriminali sar f'ġuri u mhux f'proċess ġudizzjarju fejn il-Qorti Kriminali kienet biss presjeduta minn imħallef, ma kienx ifisser li l-attur ingħata piena iktar iebsa minn dik li kieku l-proċess kriminali ma sarx f'ġuri. Dan apparti l-fatti, li l-piena tingħata mill-imħallef u mhux mill-ġurati."*

d. Għal kull buon fini jingħad illi la din il-Qorti kif diversement presjeduta, u lanqas il-Qorti Kostituzzjonali ma sabu x'jiċċensuraw fil-mod kif inhuma inapplikabbi l-emendi tal-Att VII tal-2025 għal akkużati illi fil-konfront tagħhom l-att t'akkuża jkun ilu li ħareġ;

Din il-Qorti għalhekk mhix tal-fehma illi r-rikorrent jista' jsib konfort f'dak illi ngħad minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fis-sentenzi fir-Rik Kostit Nri 115/2025 MS, 116/2025 MS u/jew 117/2025 MS (kif minnu misinterpretat), iżda ssib illi l-istess sentenzi jimmilitaw kontra t-teżi tiegħu;

33. Jingħad ukoll illi anke jekk ir-rikorrent m'għandux ir-rimedju ordinarju mogħti fl-Artikolu 436(6) bl-introduzzjoni tal-Att VII tal-2025, u l-verdett tal-ġurija eventwalment ikun unanimu, l-Artikolu 22(2)(a)(i)(aa) tal-Kap 101 xorta waħda jagħti, alternattivament, il-possibilta' illi *"meta l-qorti tkun tal-fehma li, meta tqis l-età tal-ħati, il-kondotta ta' qabel tal-ħati, il-kwantità tal-mediċina u x-xorta u l-kwantità tat-tagħmir jew materjali, jekk ikun il-każ, involuti fir-reat u ċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tar-reat, il-piena ta' priġunerija għall-għomor ma tkunx dik xierqa"*, il-Qorti għandha d-diskrezzjoni illi tagħżel illi tikkundanna wkoll lill-persuna misjuba ħatja għal priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn erba' snin u mhux iżjed minn tletin sena;

[8] Rik Nru 116/2025/1, Qorti Kostituzzjonali, 23 ta' Ġunju 2025

34. Saħansitra anke l-Artikolu 22(2B) tal-Kap 101 jkompli jassigura d-dritt t'akkużat illi jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali minn piena sproporzjonata, meta jistabbilixxi illi *"wara li persuna tkun instabet ħatja mill-Qorti Kriminali kif previst fis-subartikolu (2)(a) wara li tkun ikkunsidrat iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluż l-ammont u n-natura tad-droga involuta, il-karattru tal-persuna kkonċernata, in-numru u n-natura ta' kwalunkwe kundanni preċedenti, inkluż kundanni li għalihom saret ordni taħt l-Att dwar il-Probation u d-dispożizzjonijiet tar-Raba' Skeda, il-qorti hija tal-opinjoni li l-piena prevista fis-subartikolu (2)(a) hija sproporzjonata tista', billi tagħti raġunijiet, tapplika l-piena prevista fis-subartikolu (2)(b)"*, u cioe l-piena prevista fil-każ ta' proċeduri miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati;

35. In konklużjoni, għalhekk, jingħad illi, apparti illi, fl-agħar ipotesi, ir-rikorrent, wara li jingħata piena mill-Qorti Kriminali, għandu wkoll <u>id-dritt t'appell quddiem il-Qorti t'Appell Kriminali sabiex is-sentenza tiġi revokata jew riformata</u>, il-fatt biss illi l-akkużat jidher quddiem il-Qorti Kriminali, u l-verdett jingħata minn ġurija, ma jfissirx, b'mod awtomatiku, illi l-piena sejra neċessarjament tkun t'għomor il-ħabs; <u>anzi</u>, is-salvagwardji kollha fil-liġi kif applikabbli għall-każ tar-rikorrent jirrendu l-possibilta' ta' piena t'għomor il-ħabs bħala l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u dan preċiżament sabiex jiġi assigurat illi l-piena inflitta mill-Qorti Kriminali tkun waħda proporzjonata mal-għemil illi għalih ir-rikorrent jinstab ħati, illi tieħu in konsiderazzjoni, *inter alia*, l-ammont u n-natura tad-droga involuta;

36. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex **<u>tilqa' r-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati</u>**, u **<u>tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet rikorrenti, u dan stante illi tali talbiet huma **<u>intempestivi</u>** fid-dawl tal-fatt illi l-proċeduri penali fil-konfront tar-rikorrent, minkejja illi ngħatat deċiżjoni finali dwar l-eċċezzjonijiet preliminari, għadhom pendenti, u apparti illi kien hemm rimedju għall-ksur allegat illi kien disponibbli favur ir-rikorrent illi ma ġiex minnu eżawrit, din il-Qorti hija sodisfatta illi għad fadal ukoll mezzi xierqa kontemplati mil-liġi illi jistgħu jiżguraw illi l-piena inflitta fil-konfront tar-rikorrent f'każ ta' ħtija ma tkunx waħda sproporzjonata jew leżiva għad-drittijiet fundamentali tiegħu.

**Decide**

37. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

i. **Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** sollevata mill-intimati, u tillibera lill-Kummissarju tal-Pulizija mill-osservanza tal-ġudizzju;

ii. **Tilqa' r-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet** sollevati mill-intimati u **tastjeni** milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet rikorrenti, billi teżerċita d-diskrezzjoni mogħtija lil din il-Qorti bl-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta stante illi r-rikorrent kellu u għad fadallu rimedji xierqa a disposizzjoni tiegħu ai termini tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

iii. **Tiċħad** l-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati in kwantu mhux kompatibbli ma' din id-deċiżjoni.

Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Reġistratur**